**KUNSILL LOKALI HAŻ-ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 4 – 23 ta' Gunju 2015**

***Minuti tat-4 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar it-Tlieta, 23 ta' Gunju, 2015.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:30 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 4. Il-laqgha bdiet fis-6:30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Vernalise Bartolo** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |

**Skużat:** **Hadd**

**Assenti:** **Hadd**

| | | |
|---|---|---|
| **Pubbliku:** | **Robert S. Tabone** | Works Co-Ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**Korrezzjonijiet tal-Minuti tal-laqgha tal-25 ta' Mejju 2015**

Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li l-mistoqsijiet li kien baghat huwa qabel il-laqgha tal-25 ta' Mejju 2015, li kellhom jigu diskussi fl-istess laqgha, ghandhom jigu mehmuza mal-minuti pprezentati tal-istess laqgha.

Minhabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet ohrajn, is-Sindku Sarah Agius pproponiet li dan is-sett tal-minuti jigu approvati kif mressqa. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Roderick Aquilina.

Ittiehed vot.

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Kevin Glynn, Philip Said, Roderick Aquilina, Clive Azzopardi, Christopher Bongailas, u Vernalise Bartolo.

Dawk Kontra: Hadd

Astensjonijiet: Kunsillier George Cortis

Il-minuti gew approvati. (11)

2. **Hwejjeg li johorgu mill-Minuti**

2.1 Skema ta' Restawr – Bieb de Rohan

Il-Kunsillier Chris Bongailas ta rendikont ta' f'hiex kienet wasslet l-applikazzjoni ghar-restawr ta' Bieb de Rohan. Huwa qal li kienet inghatat il-clearance mill-MEPA. Is-Sindku Sarah Agius qalet li hija kellha laqgha mal-Arcipriet. F'din il-laqgha l-Arcipriet qal li huwa ma jsib l-ebda oggezzjoni li Bieb de Rohan jigi restawrat taht din l-iskema, u ghandu hsibijiet li dan il-monument jigi devolut lill-Gvern Malti sabiex dan minn naha tieghu jibda l-process ta' devoluzzjoni lill-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug. L-Arcipriet semma' wkoll kundizzjonijiet li ser jimponi fuq il-Kunsill Lokali meta u sabiex din id-devoluzzjoni ssehh. L-Arcipriet min-naha tieghu ghandu jghaddi ittra lill-Kunsill sabiex jaghti l-kunsens tieghu ghar-restawr ta' Bieb de Rohan.

2.2 Tender tal-Knis

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ntbaghtet imejl lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, dwar

- jekk hux possibli li l-lokalita ta' Haz-Zebbug tinqasam f'aktar minn parti wahda u kull parti tinhareg tender ghaliha,
- fl-eventwalita li Haz-Zebbug jinqasam f'aktar minn parti wahda, jekk tistax tiddahhal klawsola li jekk applikant japplika ghal tender wiehed, ma jkunx jista japplika ghal iehor,
- jekk tistax tiddahhal kundizzjoni li jekk kuntrattur jintaghzel ghal parti wahda, ma jkunx jista jintaghzel ghall-parti l-ohra.

Is-Sindku qalet li din il-kjarifika intbaghtet lid-Dipartiment, minhabba li jekk t-tieni jew it-tielet punt mhux possibli, ma jkunx hemm skop li Haz-Zebbug jinqasam f'aktar minn parti wahda, sabiex ikun hemm iktar minn kuntrattur wiehed.

Sadanittant kien hemm qbil unanimu li Haz-Zebbug jinqasam fi tlett partijiet.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li meta tintbaghat din ir-risposta minghand id-Dipartiment, it-tender ikun irid jigi ccekjat mill-Green Public Procurement Section.

2.3 **Hrug minn Haz-Zebbug**

Is-Sindku Sarah Agius qalet li hija talbet lill-Perit Audrey Testaferrata de Noto sabiex jintbaghtu rapprezentanti mit-Transport Malta fejn Bieb de Rohan li jkunu jistghu jidderiegu t-traffiku fil-hinijiet l-aktar popolari tat-traffiku. Ir-risposta ahharija li nghatat lis-Sindku kienet li dawn jistghu jintbaghtu izda din tkun spiza ghall-Kunsill. Din l-ispiza hija ta' Euro56 kuljum (zewg rapprezentanti ghal saghtejn kuljum).

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li huwa car li Transport Malta huma kontra li tissolva din il-problema.

Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li ma jarax ghaliex it-TM ma toffrix dan is-servizz bla flus aktar u aktar meta dawn ir-rapprezentanti ser ikunu qeghdin f'zona arterjali.

2.4 Sadanittant il-Kunsillier Philip Said talab li ssir applikazzjoni ghal zebra crossing gewwa s-service road ta' Triq l-Imdina bi dritt il-pelican lights li hemm fejn il-Garendon School.

3. **Korrispondenza**

3.1 Is-Sindku Sarah Agius gharrfet lill-Kunsill li l-impjegata tal-Kunsill Lokali Josiette Zarb, kienet tat ir-rizenja taghha. Kien hemm qbil unanimu li ghandhom jibdew il-proceduri sabiex jigi mpjegat xi hadd gdid fl-iskala 16.

3.2 Is-Sindku Sarah Agius qalet li saret talba ghan-*no objection* sabiex Zurrieq Wolves jithallew juzaw Mdina Road fis-7 t' Awwissu 2015 bejn id-8:00pm u l-10:15pm. Il-Vici Sindku Alfred Grixti qal li huwa jaqbel ghal din id-darba izda din m'ghandhiex tittiehed bhala drawwa li tinghalaq Mdina Road sabiex isiru dawn l-attivitajiet. Kien hemm qbil unanimu li tinghata din in-*no objection* bil-kundizzjoni li din ma tohloqx precedent.

3.3 Il-Kunsillier Philip Said qal li kien ircieva korrispondenza minn Paragon Europe li hija agenzija tal-Fondi Ewropej li ghandha l-ghan li bi programmi li hija taghmel, tippromwovi lokalitajiet. Filfatt rapprezentanta ta' din l-agenzija kellha laqgha mal-Kunsillier Said, fejn din inghatat hafna taghrif sabiex tkun tista tibni hafna nformazzjoni dwar Haz-Zebbug. Il-Kunsillier Philip Said ppropona li ssir mappa kulturali nformattiva dwar Haz-Zebbug.

3.4 Is-Sindku Sarah Agius semmiet korrispondenza li rcieva l-Kunsill dwar l-Ambaxxatur taz-Zghazagh fejn bhalissa ghad irid jigi nominat xi hadd sabiex jirraprezenta lil Haz-Zebbug. Gie deciz li din id-decizjoni tittiehed fil-laqgha li jmiss.

3.5 Giet maqbula wkoll il-kompozizzjoni tal-Bord tal-Ghazla tat-Tenders li ghandha tirrifletti r-rapprezentanza taz-zewg partiti politici fil-Kunsill. Il-membri ta' dan il-Bord ser tigi maghzula fil-laqgha li jmiss.

3.6 Is-Sindku Sarah Agius u l-Kunsillier Clive Azzopardi rrapurtaw laqgha li kellhom bit-tema *Arts in Public Spaces*. Dan is-Seminar kien organizzat mill-MTI u mill-Ministeru responsabbli mill-Kultura. L-iskop huwa li tinfetah skema ghall-artisti li dawn min-naha taghhom iridu japplikaw personalment. Sar kuntatt ma' diversi artisti Zebbugin li dawn min-naha taghhom iridu japplikaw sal-4 ta' Settembru 2015. Kull artist jista jirbah sa Eur30,000 sabiex jintuzaw gewwa l-lokalitajiet differenti u jigu maghzula sitt artisti.

3.7 Gie maqbul li tinfetah tieqa mal-hajt tal-librerija li jaghti ghal Triq Sciortino, fejn jitwehhel televixin li hemm bhalissa fil-Kunsill, sabiex ikun jista' jinghata taghrif dwar attivitajiet u nformazzjoni ohra.

## 4. **Festa San Filep 2015**

Is-Sindku Sarah Agius qalet li minhabba li hemm diversi affarijiet u proposti x'jigu diskussi dwar il-festa ta' San Filep tal-2015, kull kunsillier ghandu jipprezenta d-diversi proposti tieghu ghall- Festa 2016. Dan sabiex ikun hemm aktar organizzazzjoni u anqas konfuzjoni.

Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li hafna mill-kazini li hawn gewwa Haz-Zebbug ikunu qed jistennew il-festa sabiex ikopru l-ispejjez ta' matul is-sena.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li tal-gabbani qed ihallsu biss Eur23.29 ghal kull tlett ijiem, filwaqt li tal-Monti ma jhallsu xejn lill-Kunsill Lokali. Il-Kazini u bars li jarmaw mwejjed u siggijiet fil-pjazez ihallsu Eur1.16 ghal kull metro kwadru ghal kull jum. Il-Vici Sindku tenna jghid li din hija *unfair competition,* bejn tal-gabbani u tal-bars tal-kazini. Iz-zewg partiti irid ikollhom il-kuragg politiku li jirregolarizzaw lil tal-gabbani u lil tal-Monti. Dawn qeghdin jiggeneraw hafna skart. Mill-banda l-ohra t-toilets tal-kazini mhux qed ikunu dejjem accessibli u ghaldaqstant ikun hemm konkorrenza qawwija ghal-latrini pubblici b'tali mod li jsiru anke atti vandali min-nies irresponsabbli. Il-Vici-Sindku Alfred Grixti kompla jghid li kieku huwa possibli l-gabbani kollha tal-festa jinzlu kollha l-by-pass sabiex il-festa tibqa wahda tradizzjonali u bla ebda konfuzjoni.

Il-Kunsilliera Vernalise Bartolo qalet li ma kienx xieraq li l-access ghall-bieb tac-cimiterju, jigi ostakolat b'gabbana.

### **4.1 Nhar il-Festa**

Is-Sindku Sarah Agius tkellmet dwar is-servizz tal-knis ta' wara l-marc tal-Hadd filghodu. Il-Kuntrattur Philip Seguna kien ipprezenta stima ta' Eur 500 extra sabiex inaddaf il-pjazza mill-Hadd tal-hrug min-nicca sa' nhar il-festa. Il-Kunsilliera Vernalise Bartolo ma haditx sehem fid-diskussjoni.

Dan il-Kuntrattur beda inaddaf fis-2pm u waqaf ftit wara l-4pm meta l-attivita kienet ghadha ghaddejja. X'hin waqaf kollox ghall-habta tal 4:45 pm u n-nies fil-pjazza kienu naqsu drastikament, kien hemm kwantita kbira ta' hmieg, skart ma' l-art u boroz suwed tal-iskart.

Minhabba li l-Kuntrattur Seguna ma kellux nies biex jahdem, kellu jigi msejjah kuntrattur iehor sabiex jaghmel xogholu. L-ewwel kuntrattur li kien disponnibli f'hin hekk qasir kien s-Sur Wilson Mifsud li min-naha tieghu, naddaf il-pjazza mill-ahjar li seta' f'inqas minn siegha, minhabba r-restrizzjoni li kien hemm fil-hin minhabba l-hrug tal-istatwa ta' San Filep. Ghaldaqstant gie diskuss il-hlas li kellu jinghata ghal dan is-servizz moghti mill-Kuntrattur Seguna.

Ittiehed vot sabiex l-Kuntrattur Seguna ma jinghatax il-hlas shih izda jithallas in-nofs tal-kont prezentat, sabiex il-kont li jibghat Wilson Mifsud jigi mhallas minn dawn il-Eur500.

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Kevin Glynn, Philip Said, Roderick Aquilina, Clive Azzopardi, Christopher Bongailas, u George Cortis.

Dawk Kontra: Hadd

Astensjonijiet: Kunsilliera Vernalise Bartolo

Il-proposta giet approvata. (12)

Is-Sindku Sarah Agius regghet fakkret li minhabba li hemm hafna x'jintqal dwar il-festa, l-ahjar metodu sabiex din tigi diskussa, huwa li kulhadd jaghmel lista ta' punti li dawn imbaghad jigu diskussi waqt laqgha apposta.

## 5. Sottokumitati

5.1 **Sottokumitat: Edukazzjoni, Librerija Pubblika, Gemellaggi u Relazzjonijiet ma' Entitajiet Esteri, Relazzjonijiet mal-Kommunitajiet Zebbugin.**

Il-Vici Sindku Alfred Grixti gab ghall-attenzjoni tal-kunsilliera, lista ta' persuni li huwa kien qed jipproponi li jiffurmaw parti mis-sottokumitat tieghu li kellu r-responsabilita moghtija lilu fl-ewwel laqgha ta'din il-legislatura. Il-membri huma Philip Said, Mario Borg, Duncan Bartolo, Cain Grech u Maria Pace. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Gorg Cortis. Ittiehed vot.

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Kevin Glynn, George Cortis, Chris Bongailas, Roderick Aquilina, Clive Azzopardi u Vernalise Bartolo.

Dawk Kontra: Hadd

Astensjonijiet: Il-Kunsillier Philip Said

Il-mozzjoni giet approvata (13).

**5.2 Sottokumitat: Zghazagh, Tfal, Sport, Facilitajiet Sportivi u Ghaqdiet Zebbugin**

Il-Kunsilliera Vernalise Bartolo li hija baghtet ittra lis-socjetajiet kollha ta' Haz-Zebbug sabiex jahtru rapprezentant sabiex ikun parti mis-sottokumitat taghha.

**5.3 Sottokumitat: Teknologija tal-Informatika, Fondi Ewropej, Kultura u Turizmu**

Il-Kunsillier Clive Azzopardi qal li huwa ser jaghti aktar nformazzjoni aktar 'il quddiem billi jibghat imejl bl-ismijiet tal-membri ta' dan is-sottokumitat.

**5.4 Sottokumitat: Drittijiet tal-Konsumatur u tac-Cittadini, Affarijiet Legali, Indafa Pubblika, Urbana u Rurali, Widien u Biedja – Ambjent.**

Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li huwa qed jipproponi lis-Sinjuri Patrick Bonnici, Monique Agius, Cristina Ciappara, Steve Zammit Lupi u Orlando Bonnici. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot.

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il-Kunsilliera Kevin Glynn, Philip Said, Chris Bongailas, Roderick Aquilina, Clive Azzopardi u Vernalise Bartolo.

Dawk Kontra: Hadd

Astensjonijiet: Il-Vici-Sindku Alfred Grixti u l-Kunsillier George Cortis.

Il-mozzjoni giet approvata (14).

**5.5 Sottokumitat: Sahha, Anzjani u Patrimonju Zebbugi**

Il-Kunsillier Philip Said gab ghall-attenzjoni dawn l-ismijiet:

| | |
|---|---|
| **Responsabilita tal-Anzjani**: | M' Louis Micallef |
| | Mary La Rosa |
| | Antoinette Mintoff |
| **Patrimonju:** | Philip Balzan |
| | Patrick Bonnici |
| **Sahha:** | Vincent Ciappara |
| | Maria Bonnici |

Sadanittant il-Kunsillier Philip Said qal li l-ewwel harga li ser ikun qed jorganizza hija ghall-Parlament il-Gdid nhar is-16 ta' Lulju 2015.

Kien hemm qbil unanimu ghall-komposizzjoni ta'dawn it-tlett partijiet fi hdan l-istess sottokumitat. (15).

**5.6 Sottokumitat: Accessibilita' u Persuni bi Bzonnijiet Specjali**

Kien hemm qbil unanimu li l-membri ta' dan is-sottokumitat immexxi mill-Kunsillier Kevin Glynn huma Oliver Scicluna u Janet Hili.(16).

**5.7 Sottokumitat: Kommunita' Kummercjali u Self-Employed, Transport Pubbliku**

Kien hemm qbil unanimu li l-membri ta' dan is-sottokumitat immexxi mill-Kunsillier George Cortis huma Chanel Bantick, Alfred Grixti, Ryan Muscat, Edward Mintoff u David Battistino.(17).

**6. Vot tal-Flus**

Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-attenzjoni l-iskeda tal-pagamenti li giet prezentata lill-Kunsilliera kollha qabel il-laqgha.

Sadanittant il-Kunsillier Roderick Aquilina staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi dwar it-toroq tal-Grazzja. Is-Sindku Sarah Agius qalet li intalab rapport minghand il-Perit Buhagiar sabiex jiccertifika l-hsarat li hemm f'din iz-zona. Filfatt dan ir-rapport li hejja l-Perit, jghid li l-hsarat tant huma estensivi li dawn it-toroq jaqghu taht ir-responsabilita' tat-Transport Malta.

Is-Sindku kompliet tghid li d-Dipartiment ser jipprova jaghmel mill-ahjar sabiex l-ammont li hemm allokat ghal Haz-Zebbug mill-PPP, ikun jista jghaddi lill-Kunsill sabiex tithallas parti minn Vjal il-Helsien bihom.

Il-Kunsillier George Cortis ressaq proposta bi tlett mizuri, liema proposta tigi mplimentata biss jekk ikun hemm qbil bejn il-membri kollha tal-Kunsill. Il-Kunsillier George Cortis qal li bil-

flus li jigu mfaddla b'dawn it-tlett mizuri, f'erba' snin, jekk jinfetah kont il-bank u l-flus li jigu ffrankati jigu ddepositati f'dan il-kont bankarju, dan l-ammont ikun jista' jintuza biex titranga xi triq.

It-tlett mizuri huma:

1. Li ma jibqghux jintramaw is-slaleb tal-Gimgha l-Kbira
2. Titnaqqas l-ispiza tal-armar tal-Milied
3. Il-Kunsilliera ma jiehdux l-allowance taghhom

Sadanittant il-Kunsillier George Cortis qal li sabiex kulhadd ikollu cans jirrifletti sewwa fuq dawn il-mizuri, din il-proposta ghandha tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss. Huwa gie sekondat mill-Vici-Sindku Alfred Grixti. Ittiehed vot:

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Kevin Glynn, Philip Said, George Cortis, Chris Bongailas, Roderick Aquilina, Clive Azzopardi u Vernalise Bartolo.

Dawk Kontra: Hadd

Astensjonijiet: Hadd

Ghaldaqstant intlahqet l-approvazzjoni li dan is-suggett jigi diskuss fil-laqgha li jmiss (18).

Is-Sindku Sarah Agius ressqet ghall-vot ukoll l-iskeda tal-flus. Hija giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti. Il-Kunsilliera Vernalise Bartolo qalet li ser tastjeni minn punt nru 2 u nru 7. Ghall-kumplament tal-iskeda hija kienet ser tivvota favur.

Ittiehed vot.

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Kevin Glynn, Philip Said, George Cortis, Chris Bongailas, Roderick Aquilina, Clive Azzopardi u Vernalise Bartolo.

Dawk Kontra: Hadd

Astensjonijiet: Hadd

Il-vot tal-flus gie approvat (19).

**7. Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija pprezentata mill-Kunsilliera.

Sadanittant is-Sindku Sarah Agius semmiet il-lista ta’ ismijiet ta’ toroq li l-i*Street Naming Committee* kien inghata mis-Sindku precedenti Alfred Grixti. Il-Kunsillier Philip Said qal li ser jibghat aktar nformazzjoni fuq il-personaggi kif mitlub minn dan il-Kumitat.

**8. Aggornament**

Il-laqgha spiccat fid-9:10pm u sar aggornament ghal-laqgha li jmiss ghas-27 ta’ Lulju 2015.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |